TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/57/20/S

Anna Maria u Antonio Zammataro

vs

Albert Apap

Illum 30 ta' Marzu,2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anna Maria Zammataro ippreżentata fit-23 t'April, 2020 u kif ukoll ir-risposta ta' Albert Apap ippreżentata fl-24 ta' Lulju, 2020;

Ra l-kontro-talba ta' Ruben Apap, iben Albert Apap ipprezentata fl-24 ta'Lulju,2020, fejn qed tigi mitluba s-somma ta' elfejn ewro minghand ir-rikorrenti Zammataro u r-risposta ghall-kontro-talba ipprezentata fis-7 ta'Settembru,2020;

Sema' lill-partijiet u ra inkluż id-dokumentazzjoni ppreżentata u kif ukoll ra t-talba tar-rikorrenti biex l-okkju jibda jaqra Anna Maria u Antonio Zammataro u mhux Anna Maria Zammataro biss, u li tali talba ġiet milqugħa;

Ra r-rapport magħmul mill-espert imqabbad minn dan it-Tribunal tal-Perit Richard Aquilina, li ġie kkonfermat bil-ġurament nhar it-3 ta' Frar, 2022;

Illi t-Tribunal eżamina bir-reqqa r-rapport tal-espert u ċioe' tal-Perit Richard Aquilina u jagħmel tiegħu l-konklużjonijiet milħuqa minnu;

Illi a skans ta'ripetizzjoni il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Richard Aquilina ghandhom jaghmlu parti minn din id-decizjoni inkluz ir-ragunar ta' kif wasal ghall-konklużjonijiet imnizzla fl-imsemmi rapport;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

*"...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova..."*;

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert u ghamlu tieghu kif ga inghad;

Illi fir-rigward tal-kontro-talba ma tistax tintlaqa' minhabba li saret minn Ruben Apap li f'ebda hin ma intalab li jkun parti mill-kawza odjerna;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lil Albert Apap biex jirrifondi lura s-somma ta' €650 imħallsa bħala depożitu, filwaqt illi Jiċħad il-kontro-talba magħmula minn Ruben Apap, u filwaqt illi t-Tribunal Jordna illi l-oġġetti kollha li ġew installati mill-

istess intimat jiġu irritornati lura lilu. Kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha filwaqt li l-ispejjez tar-rapport tal-espert ghandu jinqasam nofs b'nofs.

Richard Sladden Av.
Arbitru